28 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmelo Tabone *versus* Michele Tabone et.

**Rexissjoni — Preskrizzjoni — Terminu — Dekadenza — Interruzzjoni — Nota tal-Eċċezzjonijiet — Art. 1266, 1269 u 2233 tal-Kodiċi Ċivili**

*Meta l-liġi f'xi każ partikulari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn.*

*Dan it-terminu huwa wieħed ta' preskrizzjoni, u mhux terminu ta' dekadenza; u għalhekk jista' jiġi nterrott.*

*L-azzjoni ta' rexissjoni tmiss fl-ewwel lok lil dawk mill-partijiet li jkunu ħadu sehem fl-att impunjat. Dak il-jedd jgħaddi wkoll fil-werrieta; imma l-werrieta ma jistgħux jeżerċitawħ ħlief fiż-żmien li kien fadallu l-awtur tagħhom biex jeżerċitaħ.*

*Fil-każ ta' vjolenza, dan iż-żmien jibda jgħaddi minn meta tkun spiċċat il-vjolenza, u fil-każ ta' żball jew għemil doluż, jew kawża falza, minn dak in-nhar li jkun inkixef id-difett pretiż.*

*Il-preskrizzjoni tinkiser b'kull att ġudizzjarju preżentat fl-isem tas-sid jew jew tal-kreditur, notifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar li l-proprjetarju jew kreditur ikun bil-ħsieb li jżomm il-jedd tiegħu. Rekwiżiti nterni tal-att ġudizzjarju jikkonsistu filli l-att għandu jkun jespprimi b'mod ċar il-volontà tal-awtur tal-att li jikkonserva d-drittijiet tiegħu — volontà li ma hemmx bżonn tiġi espressa b'xi frażi speċjali, imma tista' tkun espressa bi kwalunkwe mod; rekwiżiti esterni, mbgħad,*

*huma li l-att jiġi preżentat fir-Reġistru, skond il-liġijiet proċesswali, u notifkat lid-debitur jew possessur.*

***Nota tal-eċċezzjonijiet** hija att ġudizzjarju, u biha d-debitur jirrespinġi t-talba tal-kreditur bil-ħsieb li jiddefendi u jikkonserva d-drittijiet tiegħu kontra l-pretensjoni tal-kreditur; u għalhekk, jekk f'kawża oħra bejn l-istess partijiet kienet ġiet preżentata nota tal-eċċezzjonijiet li, jekk ma ġietx notifikata lill-parti kuntrarja, kienet żgur ġiet a konoxxenza ta' din il-parti, dik in-nota tinterrompi l-preskrizzjoni li tiġi sollevata f'kawża oħra minn dik il-parti l-oħra dwar l-istess dritt in kontestazzjoni.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tad-29 ta' Novembru 1955, fejn jinsabu miġjuba d-domanda tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u li biha ġiet respinta t-talba tal-konvenuta Maria Consiglia Tabone għall-liberazzjoni tagħha mill-osservanza tal-ġudizzju fuq eċċezzjoni minnha mogħtija li l-attur naqas jippreżenta maċ-ċitazzjoni l-kuntratt ta' kwittanza li qiegħed jiġi mpunjat, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni tal-attur hija ntiża għad-dikjarazzjoni u deċiżjoni li l-att tal-kwittanza fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri tal-5 ta' Mejju 1957, magħmul minn Rosa armla minn Giuseppe Tabone, omm il-kontendenti, favur binha l-konvenut Michele Tabone, hu bla effett u valur legali billi magħmul b'ingann u qerq, u waqt li ġiet eżerċitata vjolenza morali fuq l-animu tal-imsemmija Rosa Tabone, u għalhekk null, u fi kwalunkwe każ jiġi mħassar. Il-konvenut Michele Tabone eċċepixxa illi, anki jekk kienu veri l-allegazzjonijiet tal-attur, l-azzjoni minnu dedotta hi suġġetta għad-dekadenza kontemplata mill-art. 1266 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat, dwar din l-eċċezzjoni;

Illi fl-artikolu fuq imsemmi hu dispost li, meta l-liġi f'xi każ partikulari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn;

Gie minn naħa tal-konvenuta Maria Consiglia Tabone, li fil-persuna tagħha l-ġudizzju ġie trasfuż għal dak li kien jirrigwarda lill-mejjet żewġha Michele, sottomess li dan it-terminu ta' sentejn hu ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni kif minn naħa tiegħu *jafferma li hu* l-attur. F'dan ir-rigward jingħad li l-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru 1935, fil-kawża fl-ismijiet "Francesca Aquilina vs. Neg. Giuseppe Gasan et.", irriteniet li skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna ż-żmien ta' sentejn indikat fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi hu żmien ta' preskrizzjoni, u mhux ta' dekadenza (Vol. XXIX-I-1305). Għalhekk l-eċċezzjoni fuq imsemmija għandha titqies mogħtija bħala dik ta' preskrizzjoni, u eżaminata bħala tali;

Ikkunsidrat;

Illi, kif tajjeb tissottometti l-eċċipjenti, għandu l-ewwel nett jittieħed rigward għall-konjizzjoni tad-difetti fl-att tal-kwittanza, pretiżi mill-attur li seta' kellha Rosa Tabone; għaliex l-azzjoni għar-rexissjoni ta' att tispetta fl-ewwel lok lil dawk mill-partijiet li jkunu ħadu sehem f'dak l-att. Ladarba Rosa Tabone, però, sakemm mietet ma ġiebetx azzjoni simili, għandu jiġi preżunt li hija ma rriskontratx, jew ma kienetx taf, b'xi żball jew għemil doluż fl-imsemmi att da parti ta' binha Michele, sakemm dan ma għamlitux minħabba li ġiet minnu eżerċitata fuqha xi vjolenza morali. Skond l-art. 1269 tal-Kodiċi msemmi, il-jedd tal-imsemmija azzjoni jgħaddi fil-werrieta, u għalhekk dan il-jedd f'dan il-każ taħt konsiderazzjoni għadda għand l-attur, li kif jidher fiċ-ċitazzjoni hu wieħed mit-tfal u werrieta tal-imsemmija Rosa armla Tabone. Skond l-istess dispożizzjoni tal-liġi, l-attur ma jistgħax jeżerċita l-istess jedd jekk mhux

ħlief fiż-żmien li kien fadlilha ommu biex teżerċitah. Rosa Tabone, biex teżerċita dan il-jedd, kellha żmien sentejn, dekorribbli jew minn dakinhar li l-vjolenza spiċċat, jew minn dakinhar li hija kixfet, jekk qatt, l-imsemmijin difetti. Però, kif ingħad, ladarba Rosa Tabone sakemm mietet ma ppruvatx tintenta azzjoni ta' rexissjoni ta' dak il-kuntratt, hemm il-preżunzjoni li hija ma kienetx taf b'ebda wieħed mill-imsemmija difetti fih, jew li talvolta, jekk kienet hekk taf, ġiet eżerċitata fuqha vjolenza morali minn binha Michele biex hija ma teżerċitax dik l-azzjoni. Bil-passaġġ, mbgħad, ta' dan id-dritt fl-attur, ġa spettanti lill-ommu Rosa Tabone, iż-żmien biex huwa jeżerċita l-azzjoni ta' rexissjoni ta' l-istess kuntratt ta' kwittanza kien ukoll ta' sentejn, dekorribbli, fil-każ ta' vjolenza minn meta din spiċċat, u fil-każ ta' żball jew għemil doluż, jew kawża falza, minn dakinhar li nkixef id-difett pretiż minnu;

Illi, jekk qatt Michele Tabone eżerċita vjolenza morali fuq l-animu ta' ommu biex hija taddivjeni miegħu fl-imsemmi att ta' kwittanza, jew biex ma ssemmi xejn dwar xi difett li setgħet kienet taf bih, din il-vjolenza żgur li spiċċat fis-26 ta' Frar 1949, meta, kif jirriżulta, Rosa armla Tabone mietet. Minn dak inhar sal-10 ta' Novembru 1953, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni odjerna, għaddew aktar minn sentejn, u dan it-terminu ma jirriżultax li ġie nterrott, lanqas jekk tittieħed f'konsiderazzjoni n-nota ta' eċċezzjonijiet li sejra tissemma. Għalhekk, il-preskrizzjoni f'dan il-każ ġiet kompjuta mingħajr interruzzjoni, u t-talba tal-attur fuq il-kawżali li l-att tal-kwittanza msemmi fiċ-ċitazzjoni hu bla effett u valur legali billi ġie magħmul waqt li ġiet eżerċitata vjolenza morali fuq l-animu ta' Rosa armla Tabone għandha tiġi respinta;

Illi l-attur jissottometti li huwa kixef id-difetti minnu pretiżi fl-att tal-kwittanza meta sar jaf b'dak l-att; u sar jaf bih l-ewwel darba, u ma setgħax ikun jaf bih qabel, fit-28 ta' Diċembru 1951; u għalhekk, meta ntenta din l-azzjoni, jiġifieri fl-10 ta' Novembru 1953, it-terminu ta' sen-

tejn għall-finijiet tal-preskrizzjoni ġa msemmija kien għadu ma għaddiex. Però, kif tajjeb tissottometti l-eċċipjenti, l-attur sar jaf bl-imsemmi att ta' kwittanza fis-7 ta' Ġunju 1951. Prova elokwenti ta' dan hu d-dokument fil-fol. 43 tal-proċess...... Mis-7 ta' Ġunju 1951 sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni odjerna għaddew iżjed minn sentejn;

Però, l-attur jissottometti li din il-preskrizzjoni bijennali ġiet minnu nterrotta fl-24 ta' Ġunju 1952, bin-nota ta' eċċezzjonijiet preżentata minnu fil-kawża l-oħra ġa msemmija, fl-ismijiet "Tabone vs. Mifsud", li għadha pendenti quddiem din il-Qorti. Effettivament jirriżulta li fil-kors tal-imsemmija kawża, kien ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, fejn issottometta li l-kuntratt ta' kwittanza magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri bejn Michele Tabone u ommu, li hija anki omm tal-kontendenti l-oħra, fil-5 ta' Mejju 1947, hu null u mingħajr ebda effett u valur legali, peress li Rosina Tabone, fl-età li kellha waqt il-kuntratt, ċjoè 92 sena, ma setgħetx tifhem l-importanza u l-portata tal-kuntratt, u ma kienetx libera fil-kunsens, u l-kuntratt sar fl-assenza tal-interessati l-oħra, u kunsidrat anki l-fatt li l-imsemmija Rosina Tabone kienet kważi analfabeta, u l-att sar taħt vjolenza morali. Irid għalhekk jiġi ndagat jekk dik in-nota tal-eċċezzjonijiet tikkostitwix att ġudizzjarju, skond il-liġi, għall-fini li tinterrompi l-preskrizzjoni;

Illi, skond il-liġi, il-preskrizzjoni tinkiser b'kull att ġudizzjarju preżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, notifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar li l-proprjetarju jew kreditur ikun bil-ħsieb li jżomm il-jedd tiegħu (art. 2233 Kod. Ċiv.). Hu magħruf li dan l-att ġudizzjarju jrid ikun preżentat fir-Reġistru tal-Qrati, u dirett lill-persuna li kontra tagħha jiġi eżerċitat, lill-possessur jew debitur, u notifikat lilu per mezz tal-Qorti, bħal ma hi l-ittra uffiċjali, il-protest, ir-rikors għall-ispedizzjoni ta' mandat kontra d-debitur, u kwalunkwe att ieħor simili preżentat fir-Reġistru tal-Qorti, u notifikat ukoll per mezz tal-istess

Reġistratur lill-possessur jew debitur, li biħ il-proprjetarju jew il-kreditur juri l-intenzjoni tiegħu li jrid jikkonserva d-drittijiet tiegħu;

Rekwiżiti nterni tal-att ġudizzjarju jikkonsistu, għal-hekk, f'dan, li l-att għandu jkun jesprimi b'mod ċar il-volontà tal-awtur tal-att li jikkonserva d-drittijiet tiegħu; liema volontà ma hemmx bżonn li tiġi espressa b'xi frażi speċjali, imma biżżejjed li tkun hekk espressa bi kwalunkwe mod. Rekwiżiti esterni ta' dan l-att, mbgħad, huma li l-att, skond il-liġijiet proċesswali, jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qrati, u notifikat lid-debitur jew possessur;

Issa, ma jistgħax jiġi negat li, fis-sens ta' dan li ntqal, in-nota ta' eċċezzjonijiet tikkostitwixxi att ġudizzjarju, li mhux ħlief id-difiża tad-debitur għat-talba tal-kreditur (Mattirolo, Diritto Giudiziario, Vol. I, para. 38), li biha, ċjoè, id-debitur jirrespinġi t-talba tal-kreditur bil-ħsieb li jiddefendi u jikkonserva d-drittijiet tiegħu kontra l-pretensjoni tal-kreditur (Mortara, Procedura Civile, Vol. I, para. 23). Din in nota tiġi preżentata fir-Reġistru tal-Qorti (art. 158(3) Kod. Proċ. Ċiv.), u notifikata per mezz tar-Reġistratur lill-attur jew lill-avukat tiegħu (art. 158(8) Kodiċi ċitat). In-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fl-imsemmija kawża (ċitazzjoni 534/51) tal-konvenut, attur f'din il-kawża, ġiet preżentata fir-Reġistru fl-24 ta' Ġunju 1952, u dakinhar ġie mħallas id-dritt tar-Reġistru għan-notifika tagħha lil Michele Tabone jew lill-avukat tiegħu (v. fol. 139 tal-proċess l-ieħor). Evidentement, l-eżiġenza tan-notifika hija ntiża biex il-parti li fil-konfront tagħha l-att ġudizzjarju jiġi preżentat tiġi a konoxxenza tiegħu. Issa, għalkemm ma jirriżultax li dik in-nota ġietx jew le notifikata lill-avukat ta' Michele Tabone, għaliex jonqos ir-riferta relattiva tal-marixxall eżekutur, jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju li l-istess nota kienet ġiet a konoxxenza ta' Michele Tabone, kif jidher mill-kontrorisposta tiegħu tal-10 ta' Lulju 1952, fejn fit-tielet paragrafu semma, fost ħwejjeġ oħra, dik l-eċċezzjoni ulterjuri,

li huwa kkwalifika bħala mingħajr bażi (v. fol. 144 u 144 tergo tal-proċess tal-kawża l-oħra);

Konsegwentemment, iż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni għandu jitqies li ġie nterrott bil-preżentata tal-imsemmija nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-attur, konvenut f'dik il-kawża. Mis-7 ta' Ġunju 1951 sal-24 ta' Ġunju 1952, u minn din l-aħħar data sal-10 ta' Novembru 1953, ma għaddewx sentejn; u għalhekk il-preskrizzjoni opposta mill-konvenuta Maria Consiglia Tabone ma tistgħax tiġi milqugħa, in kwantu relattiva għat-talba tal-attur fuq il-kawżali li l-att tal-kwittanza ġa msemmi huwa bla effett u valur legali billi ġie magħmul b'ingann u qerq;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara li l-eċċezzjoni opposta mill-konvenuta Maria Consiglia Tabone hi dik ta' preskrizzjoni, u mhux ta' dekadenza, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta; tilqa' l-istess eċċezzjoni in kwantu t-talba tal-attur hija ntiża għad-dikjarazzjoni u deċiżjoni li l-att ta' kwittanza msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni hu bla effett u valur legali billi ġie magħmul waqt li ġiet eżerċitata vjolenza morali fuq l-animu ta' Rosa armla Tabone, u għalhekk tirrespinġi l-istess talba dedotta fuq din il-kawżali, bl-ispejjeż kontra l-attur; u tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni in kwantu l-istess ġiet opposta għat-talba tal-attur intiża għad-dikjarazzjoni u deċiżjoni li l-imsemmi att ta' kwittanza hu bla effett u valur legali billi magħmul b'ingann u qerq, bl-ispejjeż kontra l-imsemmija konvenuta;

Il-kawża tiġi differita "sine die", rijappuntabbli b'rikors tal-interessati wara li din is-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat.